MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 654/2009

**Merlin International Limited**

**vs**

**Spiridione Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-18 ta’ Awwissu 2009 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erba’ mija u tlieta u hamsin ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,453.62c) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghal servizzi ta’ kiri ta’ vetturi. Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-13 ta’ Mejju, 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll tal-Mandat ta’ Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma’ dan l-att.

Ra illi ghalkemm l-konvenut gie legalment notifikat, huwa baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta in

kontestazzjoni ghat-talba attrici. Ra d-dokumenti esebiti mal-avviz. Sema' x-xhieda tal-avukat Dr. James D'Agostino li bil-gurament tieghu ikkonferma li l-ammont mitlub kien ghadu dovut sal-gurnata tal-lum. Ra ghal darba ohra li ghalkemm imsejjah diversi drabi l-konvenut baqa' ma deherx u kwindi wisq anqas ressaq xi forma ta' kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallasha s-somma mitluba ta' elf, erba' mija u tlieta u hamsin ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,453.62c). Bl-imghax legali dekoribbli mit-13 ta' Mejju, 2009 u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kif rikjesti a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------